## 4 ta' Lulju, 1990

## Imħallfin: –

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Alfred Aquilina

*versus*

Perit Keith Cole *noe et*

## Appell minn Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Estetika – Proċedura tal-Bord ta' l-Estetika – Nullità ta' Proċeduri

*L-Ordinanza dwar l-Estetika tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi mħarsa mill-Bord qabel ma jirrifjuta jew ibiddel disinn. Il-Bord għandu, permezz ta' ittra, jagħti lis-sid interessat avviż ta' erbat ijiem sħaħ tal-ġurnata li fiha l-kwistjoni tkun sejra tinġieb quddiem il-Bord. Is-sid imbagħad jista' jidher personalment quddiem il-Bord u jista' ukoll ikun assistit minn Arkitett. Kull persuna oħra li turi li għandha interess tista' tkun preżenti fis-seduta tal-Bord meta l-kwistjoni tiġi ttrattata. Id-deċiżjoni tal-Bord għandha tagħti r-raġunijiet li fuqhom tkun ġiet ibbażata u kopja ta' din id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lis-sid u lil kull parti interessata li tkun dehret.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Alfred Aquilina skond l-artikolu 9 tal-Kapitolu 87 tal-Liġijiet ta' Malta li bih, – wara li ppremetta illi (1) fid-19 ta' Lulju 1989 huwa ġie mogħti l-permess għal bini addizzjonali fl-*Avis Garage*, Msida Sea Front,

Msida (2) sussegwentement fit-22 ta' Novembru 1989 huwa talab permess ieħor biex jagħmel xi alterazzjonijiet fil-faċċata, permezz tal-Perit Italo Raniolo (3) illi fit-12 ta' April 1990 huwa ġie informat illi l-permess ġie miċħud *"on Aesthetic grounds"* (4) illi huwa jħoss ruħu aggravat b'dik id-deċiżjoni billi saret in vjolazzjoni ta' l-art. 8 ta' l-Ordinanza ta' l-Estetika (Kap. 87) li timponi fuq il-Bord ta' l-Estetika l-obbligu li jagħti lill-esponent avviż ta' erbat ijiem tal-ġurnata li fiha l-kwistjoni tkun sejra tinġieb quddiem il-Bord biex ikun preżenti waqt it-trattazzjoni tal-każ (5) illi inoltre l-Bord ta' l-Estetika m'għandu ebda dritt jirrifjuta d-disinn tal-faċċata meta jkunu skadew tletin ġurnata mill-preżentata ta' l-applikazzjoni u (6) illi bla preġudizzju għall-premess ta' l-intimati ma kinux ġustifikati fil-meritu li jiċħdu l-permess mitlub, – talab li din il-Qorti tiddikjara l-imsemmija ċaħda nulla u bla ebda effett u subordinatament tirrevokaha billi tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-permess magħmula mill-esponent skond id-Dok. Ċ, bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati ppreżentata fis-16 ta' Mejju 1990 li biha ssottomettew li (1) kuntrarjament għal dak allegat fit-tielet paragrafu tar-rikors promotorju, fil-każ odjern ebda permess ma ġie miċħud; anzi ġie mogħti kif ammess mill-istess rikorrent fl-ewwel paragrafu ta' l-istess rikors (2) illi n-nullità proċedurali allegata mir-rikorrenti fir-raba' u fil-ħames paragrafi tar-rikors promotur qatt ma għandhom u ma jistgħux, anke għall-grazzja ta' l-argument, jiġġustifikaw it-talba odjerna tar-rikorrenti sabiex tiġi revokata ċ-ċaħda u minflok tintlaqa t-talba għad-disinn kif sottomess mir-rikorrenti (3) illi fi kwalunkwe każ l-esponenti jirrabadixxu illi fil-meritu kienu ġustifikati jirrifjutaw id-disinn avvanzat mir-rikorrenti u attinenti għall-permess mogħti mill-esponenti (4) salvi risposti ulterjuri;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Ma jidhirx li l-kontendenti mhux qegħdin jaqblu fuq ċerti fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri. Infatti skond il-verbal tasseduta tat-13 ta' Ġunju 1990, jirriżulta li l-kontendenti, permezz tad-difensuri tagħhom, qablu li l-applikazzjoni oriġinali kienet ġiet approvata u li in segwitu kienet ġiet ippreżentata applikazzjoni oħra mir-rikorrent fejn talab permess għal xi alterazzjonijiet skond pjanti li ġew sottomessi u li t-tieni applikazzjoni kienet ġiet rifjutata. Dan kollu, *del resto,* jirriżulta ukoll mid-dokumenti eżibiti;

Issa fl-ittra ta' rifjut datata 12 ta' April 1990 jingħad li l-permess ma setax jinħareġ "*on aesthetic grounds*".

Eżami ta' l-Ordinanza dwar l-Estetika (illum Kap. 87, Ediz. Riv. 1984) juri li l-artikolu 8 jistabilixxi, fil-kliem tal-"*marginal note*" ta' l-istess artikolu, "il-proċedura li għandha tiġi mħarsa mill-Bord qabel ma jirrifjuta jew ibiddel disinn". Din il-proċedura tikkonsisti filli l-Bord ta' l-Estetika b'ittra jagħti lissid interessat avviż ta' erbat ijiem sħaħ tal-ġurnata li fiha l-kwistjoni tkun sejra tinġieb quddiem il-Bord. Is-sid imbagħad jista' jidher personalment quddiem il-Bord jew jista' jaħtar lil ħaddieħor biex jidher floku u jista' ukoll ikun assistit minn Arkitett. Mhux hekk biss imma kull persuna oħra li turi li għandha interess tista' tkun preżenti fis-seduta tal-Bord meta l-kwistjoni tiġi ttrattata. Id-deċiżjoni tal-Bord għandha tagħti r-

raġunijiet li fuqhom tkun ġiet ibbażata u kopja ta' din id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lis-sid u lil kull parti interessata li tkun dehret;

Huwa evidenti li l-iskop tal-liġi huwa li tassigura l-osservanza tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali ta' l-"*audi alteram partem*", prinċipju dana li ilu jiġi rikonxxut fil-ġurisprudenza tagħna u li issa jinsab rikonoxxut fil-Kostituzzjoni tagħna. Qabel ma tingħata deċiżjoni mill-Bord, il-persuna, li lilha setgħet tirrigwarda, għandu jkollha l-opportunità li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. Dan id-dritt ġie mogħti lil kull persuna interessata;

Ma jirriżultax li din il-proċedura imposta mil-liġi ġiet segwita mill-Bord. Mhux hekk biss imma meta r-rifjut ġie kkomunikat lir-rikorrent bl-ittra fuq imsemmija, l-ebda kopja tad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Estetika, li għandha jkollha fiha r-raġunijiet tad-deċiżjoni ma ġiet notifikata lir-rikorrent. Dan ukoll jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' dak li tirrikjedi espressament il-liġi;

Fil-fehma tal-Qorti l-imsemmija nuqqasijiet u anzi vjolazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi għandhom iwasslu għan-nullità taċ-ċaħda tal-permess "*on aesthetic grounds*" ikkomunikata lir-rikorrenti bl-ittra fuq imsemmija tat-12 ta' April 1990;

In vista ta' din il-konklużjoni l-Qorti m'gandhiex għalfejn tidħol fid-domanda subordinata tar-rikorrent;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara u tiddeċidi li ċ-ċaħda fuq imsemmija "*on*

*aesthetic grounds''* ikkomunikata lir-rikorrent bl-ittra tat-12 ta' April 1990 hija nulla u bla ebda effett. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati mill-intimati.